tal-kelma espressa minn barra.

S'issa tkellimna biss fuq il-ħsieb ewlieni u rajna li bih dejjem im-mirajna għall-verità. U fil-fatt ġie li lħaqna l-verità oġġettiva, u ġie li lħaqna biss il-verità suġġettiva u relattiva. Imma jonqos naraw fuq għamla oħra tal-ħsieb. Kultant il-bnedmin jaħsbu ħaġa mibnija fuq il-verità; imma ma jkunux iridu juruha minħabba l-ħażen tagħhom. Għalhekk, igħaddu mill-ħsieb ewlieni tagħhom għal ħsieb sussidjarju. Jiġifieri, jiffalsifikaw għax riedu l-ħsieb ġenwin, u hekk inisslu ħsieb deġenerat.

Il-ħsieb sussidjarju jista' jkun ta' żewġ għamliet: jew qarrieqi, jew giddiebi. Għalhekk sa min-nisel tiegħu hu mibni fuq il-falzità. Il-ħsieb qarrieqi jfittex li juri ħaġa b'oħra biex hekk dak li jkun iqarraq b'għajru. U l-ħsieb giddiebi jżid jitbiegħed mill-verità billi jsawwar fih ħwejjeġ li m'humiex minnhom. Għalhekk il-ħsieb giddiebi hu grad 'l isfel mill-ħsieb qarrieqi.

Il-ħsieb sussidjarju jeħtieġ ukoll il-memorja, il-ġudizzju fl-għażla tal-kelma maħsuba u, jekk ikun se jintwera minn barra, l-espressjoni (ħsejjes tal-leħen, ġesti jew kitba).

Mill-perfezzjoni jew imperfezzjoni ta' kull waħda minn dawn is-setgħat, jiddependi wkoll il-grad ta' qerq fil-kelma espressa minn barra.

Għalkemm il-ħsieb sussidjarju hu mibni sa mill-bidu fuq il-qerq, it-tliet setgħat l-oħra jtemmu dmirhom bħallikieku qed jaħdmu għall-ħsieb ewlieni. U għalhekk jistgħu jkunu bħas-soltu, perfetti, imperfetti, dubjużi jew żbaljati.

It-tbegħid mill-verità li jkun f'kelma espressa minn barra bħala espressjoni ta' ħsieb sussidjarju ġej l-ewwelnett mill-qerq tal-ħsieb, imma jista' jiġi wkoll mis-setgħat l-oħra.

1. Ara: De Magistro, Cap. 2, fil-bidu.



# LIL P. DWARDU FENECH

**Ta' Spiro Buhagiar**

Tassew ma nafx kif għad irrid inħallsek
Ta' kemm miegħi għamilt, għażiż ħabib,
Minn mindu mqareb fuq il-bank fl-iskola
Ta' ħsiebi kont b'raġun miżmum b'tabib
Ara daqsxejn, illum bl-għodod 'l għamartni
Ħatritni l-Muża minn tal-ħsieb sultan.
Alla ieħor fuq l-allat tat-tajn ħassejtni
Għalkemm maż-żmien li ħlomt sfali duħħan.

Int bħali tħoss, ħabib, demmek u demmi
Għandu mid-demm ta' dawk il-qalbenin.
Li qatt ma ħamlu lil gżiritna mkasbra
Minn gods ċakkar, bla ħila, l-barranin.

Wasal jum il-Ħelsien! Il-Fidwa magħna!
Fuq xtutna fl-aħħar bexbex iż-żerniq;
Ħadmu bla heda ta' qabilna ...... tqatlu
Ma qatgħu qalbhom qatt li jterrqu t-triq.

Immiddu għonqna għax-xogħol, insinnu idejna,
Fuq l-inkwina tal-ħsieb inħaddmu l-kliem;
Nuru lill-barranin ħlewwiet ilsienna
Lill-ħeġġa ma tonqosx, ma tafx bi tmiem,

L'għalkemm il-qiegħa ma naqsitx titnaqqa
Ħbieb ġodda ma naqsux li jkomplu t-triq,
L-għedewwa saru ħbieb, il-fart irdoppja,
Sirna kotrana kif tant kien mixtieq.